# IL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

---

**Illum il-25 ta' Frar 2021**

Appell numru 67 tal-2018

**Il-Pulizija**
**vs**
**Stephen BORG u Antonella VELLA**

Il-Qorti rat is-segwenti :

## A. L-IMPUTAZZJONIJIET

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar id-9 ta' Frar 2018 fil-konfront ta' Stephen BORG, KI 155778M u Antonella VELLA, KI 405784M, fejn ġew mixlija talli b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti iżda li jiskru l-istess dispozizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda (in suċċint) ikkommettew :

B'diversi atti maghmulin minnhom, anki jekk fi iminijiet differenti, li jiksru I-istess dispozizzjoni tal-ligi u gew maghmula b'riioluzzjoni wahda;

I. Matul il-lejl ta' bejn il-25 u s-26 t'Awwissu, 2013, ikkommettew serq ta' ghodda, attessorji ta' vetturi u dghajjes u/jew oggetti ohra minn gewwa garaxx numru 11 sitwat gewwa Borg Drive Inn, Triq Ganu, Birkirkara, liema serq huwa kwalifikat bil-mezz, bil-valur li ma jettedix I-ammont ta' €2,329.37, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa, ghad-detriment ta' Mario Borg u/jew ta' xi persuna, persuni, entita' u/jew entitajiet ohra;

2. fl-istess Cirkostanzi, volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara ma tiskorrix €23.29 ghad-dannu ta' Mario Borg u/jew ta' xi persuna, persuni, entita' u/jew entitajiet Ohra;

3. Nhar 1-01 ta' Marzu, 2013, ikkommettew serq ta' numru ta' siggiejiet tal-injam u/jew oggetti Ohra minn gewwa garaxx sitwat gewvva Triq Pietru Dacoutros, Santa Venera, liema serq huwa kwalifikat bil-mezz u bil-valur li ma jeccedix lammont ta' € 2,329.37 ghad-detriment ta' Lina Azzopardi u/jew ta' xi persuna, persuni, entita' u/jew entitajiet ohra;

4. fl-istess cirkostanzi, volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara ma tiskorrix € 23.29 ghad-dannu ta' Lina Azzopardi u/jew ta' xi persuna, persuni, entita' u / jew entitajiet ohra;

5. Nhar il-25 t'April, 2015, ikkommettew serq ta' emergency light u/jew oggetti ohra minn gewwa garaxx li jinsab fi Triq Bertu Hyzler, Hal Qormi, liema serq huwa kwalifikat bil-mezz ghad-detriment ta' Mario Brincat u/jew ta' xi persuna, persuni, entita' u/jew entitajiet ohra;

6. fl-istess cirkostanzi, volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara ma tiskorrix €23.29 ghad-dannu ta' Mario Brincat u/jew ta' xi persuna, persuni, entita' u/jew entitajiet Ohra;

7. Nhar il-25 t'April, 2015, bil-hsieb li jaghmlu delitt ta' serq minn gewwa garaxx bin-numru 8 u iehor bin-numru 9, sitwati fl-istess basement garaxxijiet, fi Triq Bertu Hyzler, Hal Qormi, wrew dan il-hsieb b'atti esterni u taw bidu ghal ezekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali jew indipendenti mill-volonta' taghhom, liema serq kieku sar kien ikun ikkwalifikat bil-mezz u bil-valur ghad-detriment ta' persuni mhux maghrufa;

8. Nhar it-28 t'April, 2015, ikkommettew serq ta' ghodda u/jew oggetti ohra minn gewwa garaxx li jinsab gewwa basenlent garaxxijiet b'entratura fi Triq icCawsli u ohra fi Triq I-lmdina, Hal Qormi, liema serq huwa kwalifikat bilmezz u bil-valur li jeccedi I-ammont ta' €2,329.37 ghad-detriment ta' Kevi

Azzopardi, Francis Azzopardi u/jew ta' xi persuna, persuni, entita' u/jew entitajiet ohra;

9. fl-istess cirkostanzi, volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara ma tiskorrix € 23.29 ghad-dannu ta' Kevin Azzopardi, Francis Azzopardi u/jew tar xi persuna, persuni, entita' u/jew entitajiet ohra;

10. Nhar id-29 t'April, 2015, ikkommettew serq ta' ghodda, appliances u/jew oggetti ohra minn gewwa garaxx bin-numru 17 li jinsab gewwa basement garaxxijiet fi Triq ic-Cawsli, Hal Qormi, liema serq huwa kwalifikat bil-mezz u bil-valur li ma jeccedix I-ammont ta' € 2,329.37 ghad-detriment ta' Gareth Mercieca u/jew ta' xi persuna, persuni, entita' u/jew entitajiet ohra;

11. fl-istess cirkostanzi, volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara ma tiskorrix €23.29 ghad-dannu ta' Gareth Mercieca u/jew ta' xi persuna, persuni, entita' u/jew entitajiet ohra;

12. Nhar id-29 t'April, 2015, ikkommettew serq ta' zraben u/jew oggetti ohra minn gewwa basement garaxxijiet li jinsab taht blokka appartament bl-isem Spring Vale, Triq il-Parilja, Santa Venera, liema serq huwa kwalifikat bil-mezz ghad-detriment ta' Doreen Vella u/jew ta' xi persuna, persuni, entita' u/jew entitajiet ohra;

13. fl-istess cirkostanzi, volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara ma tiskorrix €23.29 ghad-dannu ta' Doreen Vella u/jew ta' xi persuna, persuni, entita' u/jew entitajiet ohra;

14. Nhar id-29 t'April, 2015, ikkommettew serq ta' kumpressur u/jew oggetti ohra minn gewwa garaxx sitwat that blokka t'appartamenti Daffodil Court, Blk B, Triq San Gorg, Santa Venera, liema serq huwa kwalifikat bil-mezz u bil-valur li ma jeccedix I-ammont ta' €2,329.37 ghad-detriment ta' Karen Azzopardi u/jew ta' xi persuna, persuni, entita' u / jew entitajiet ohra;

15. fl-istess cirkostanzi, volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara ma tiskorrix €23.29 ghad-dannu ta' ghad-detriment ta' Karen Azzopardi u/jew ta' xi persuna, persuni, entita' u/jew entitajiet ohra;

16. Nhar id-29 t'April, 2015, ikkommettew serq ta' fannijiet u/jew oggetti ohra minn gewwa garaxx iehor sitwat fl-istess basement garaxxijiet, Triq San Gorg, Santa Venera liema serq huwa kwalifikat bil-mezz u bil-valur li ma jeccedix lammont ta' C 2,329.37 ghad-detriment ta' Elton Abela u/jew ta' xi persuna, persuni, entita' u/jew entitajiet ohra;

17. fl-istess cirkostanzi, volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara ma tiskorrix €23.29 ghad-dannu ta' ghad-detriment ta' Elton Abela u/jew ta' xi persuna, persuni, entita' u/jew entitajiet ohra;

18. Nhar id-29 t' April, 2015, bil-hsieb li jaghmlul delitt ta' serq minn gewwa garaxx iehor sitwat fl-istess basement garaxxijiet, Triq San Gorg, Santa Venera, wrew dan il-hsieb blatti esterni u taw biclu ghal esekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali jew indipendenti millvolonta taghhom, liema serq kieku sar kien ikun ikkwalifikat bil-mezz u bilvalur ghad-detriment ta' persuni mhux maghrufa;

19. U aktar talli xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, jew, xjentement, b'kull mod indahhlu biex ibieghuhom jew imexxuhom;

Lil Antonella Vella wahedha nakkuzawha wkoll talli:

20. Wettqet reat waqt perjodu operattiv ta' sentenza sospiza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati preseduta mill-Magistrat Dr. C Stafrace Zammit LL.D. fit-8 ta' Lulju, 2013;

21. Wetqet reat waqt perjodu operattiv ta' liberazzjoni kondizzjonata imposti fuqha mill-Qorti tal-Magistrati preseduta mill-Magistrat Dr. A. Mizzi LL.D. fit8 ta' Mejju, 2013;

22. U aktar talli kisret il-kundizzjonijiet tal-liberta' provizorja imposti fuqha millQorti tal-Magistrati kif preseduta mill-Magistrat Dr Neville Camilleri fil-25 ta' Marzu, 2013;

23. Kisret il-kundizzjonijiet tal-liberta' provizorja imposti fuqha mill-Qorti talMagistrati kif preseduta mill-Magistrat Dr. A. Micallef Trigona LL.D fit-28 ta' Mejju, 2013, u dan taht garanzija personali ta' €10,000 fost kundizzjonijiet ohra kif ordnata li taghmel mill-istess Qrati;

24. Kisret il-kundizzjonijiet tal-liberta' provizorja imposti fuqha mill-Qorti talMagistrati kif preseduta mill-Magistrat Dr A. G. Vella LL.D fl-14 ta' Mejju, 2014, u dan taht depozitu ta' € 1,000 u garanzija personali ta' €9,000 fost kundizzjonijiet ohra kif ordnat li jaghmel mill-istess Qrati;

Lil Stephen Borg wahdu nakkuzawh ukoll talli:

25. ikkommetta delitt ta' natura volontarja, punibbli bi prigunerija waqt perijodu operattiv ta' sentenza ta' sentejn prigunerija sospizi ghal

erba' snin moghtija lilu mill-Magistrat Dr. A. Micallef Trigona LL.D. nhar 1-04 ta' Marzu, 2015;

26. kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta' provizorja imposti fuqu mill-Qorti talMagistrati kif preseduta mill-Magistrat Dr. Miriam Hayman LL.D fis-07 ta' Lulju, 2009, u dan taht depozitu ta' € 3,000 u garanzija personali ta' €30,000 fost kundizzjonijiet ohra kif ordnat li jaghmel mill-istess Qrati;

27. kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta' provizorja imposti fuqu mill-Qorti talMagistrati kif preseduta mill-Magistrat Dr. A. Micallef Trigona LL.D fit-28 ta' Mejju, 2013, u dan taht garanzija personali ta' €10,000 fost kundizzjonijiet ohra kif ordnat li jaghmel mill-istess Qrati;

28. kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta' provizorja imposti fuqu mill-Qorti talMagistrati kif preseduta mill-Magistrat Dr. A. G. Vella LL.D fl-14 ta' Mejju, 2014, u dan taht depozitu ta' €1,000 u garanzija personali ta' €9,000 fost kundizzjonijiet ohra kif ordnat li jaghmel mill-istess Qrati;

29. kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta' provizorja imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati kif preseduta mill-Magistrat Dr. Josette Demicoli LL.D. fil-25 ta' Settembru, 2014, u dan taht depozitu ta' €1,000 u garanzija personali ta' €7,000 fost kundizzjonijiet ohra kif ordnat li jaghmel mill-istess Qrati;

Il-Qorti giet mitluba titratta ma' Stephen Borg u Antonella Vella bhala recidivi ta' sentenzi moghtija lilhom mil-Qorti tal-Magistrati (Malta) liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu u dan ai termini ta' Artikolu 49, 50 u 289 ta' Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija, barra li tinfliggi 1-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna wkoll il-konfiska tal-vettura tal-ghamla Seat binnumru ta' registrazzjoni DBP063 u kif ukoll 1-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija, flimkien mal-piena skond il-ligi, tordna r-revoka tad-digrieti li bihom Stephen Borg u Antonella Vella inghataw il-beneficcju tal-helsien mill-arrest u tordna 1-arrest mill-gdid ta' limsemmija imputati kif ukoll tordna li s-sommom bhala depoziti u garanziji personali, jghaddu favur il-Gvern ta' Malta kif stipulat fl-artikolu 579(2)(3) talKap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet gentilment mitluba wkoll sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lillimputati ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 talLigijiet ta' Malta;

## B. IS-SENTENZA APPELLATA

2. Permezz tas-sentenza aktar il-fuq imsemmija, dik il-Qorti filwaqt li astjeniet milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tad-dsatax il-imputazzjoni, sabet lill-imputati ħatja fuq l-imputazzjonijiet l-oħra kollha u :

   A. Ikkundannat lil Stephen BORG għall-piena ta' disa' snin u nofs priġunerija u

   B. lill-Antonella VELLA għall-piena ta' disa' snin priġunerija.

   C. Imbagħad billi sabet lil Antonella VELLA ħatja talli wetqet reat waqt "il-perjodu operattiv ta' liberazzjoni kondizzjonata" imposta fuqha mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fit-8 ta' Mejju 2013 trattat magħha għal dik l-imputazzjoni li għaliha kienet tpoġġiet taħt ordni daqslikieku kienet għadha kemm ġiet dikjarata ħatja minn jew quddiemha għal dawk l-imputazzjonijiet u kkundannat lil Antonella Vella għas-somma ta' mitejn euro (€200) konvertibbli fi priġunerija fil-każ li ma titħallasx.

   D. Inoltre peress li qieset li l-imputati wetqu vjolazzjoni tal-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest, inkluż f'April 2015 ċjoe wara d-dħul tal-emendi għall-artikolu 579 tal-Kodiċi Kriminali hija ordnat li l-ammonti stabbiliti fil-ħelsien mill-arrest taħt garanzija jiġu konfiskati favur il-Gvern ta' Malta billi :

(a) Fir-rigward ta’ Stephen BORG jiġi konfiskat l-ammont totali ta’ tmienja u għoxrin elf euro (€28,000) kif indikati fid-digrieti mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) :

i. Per Maġistrat Dottor Antonio Micallef Trigona tat-28 ta’ Mejju 2013;
ii. Per Maġistrat Dottor Anthony Vella tal-14 ta’ Mejju 2014;
iii. U per Maġistrat Dottor Josette Demicoli tal-25 ta’ Settembru 2014;

- Kif ukoll ordnat ir-revoka tal-ħelsien mill-arrest tal-imputat taħt dawk id-digrieti.

(b) Fir-rigward ta’ Antonella VELLA ġie kkonfiskat l-ammont t’għoxrin elf euro (€20,000) skont kif indikat fid-digrieti mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) :

i. Per Maġistrat Dottor Antonio Micallef Trigona tat-28 ta’ Mejju 2013
ii. U Per Maġistrat Dottor Anthony Vella tal-14 ta’ Mejju 2014;

- Kif ukoll ordnat ir-revoka tal-ħelsien mill-arrest tal-imputat taħt dawk id-digrieti.

E. Inoltre ordnat li s-sentenza mogħtija fil-konfront ta’ Stephen BORG fl-4 ta’ Marzu 2015 ta’ sentejn priġunerija fil-forma sospiża kellha tiġi fis-seħħ stante li r-reati li dwarhom instab ħati l-appellant kienu ġew kommessi fil-perjodu operattiv ta’ dik is-

sentenza. Għalhekk l-imputat ġie ddikjarat li kellu jiskonta perjodu komplessiv ta' ħdax il-sena u nofs priġunerija.

F. Apparti dan fir-rigward t'Antonella VELLA il-Qorti ordnat ukoll li s-sentenza mogħtija fil-konfront tagħha mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar it-8 ta' Lulju 2013 ta' sena priġunerija fil-forma sospiża tiġi fis-seħħ in kwantu r-reati li dwarhom instabet ħatja kienu ġew kommessi fil-perjodu operattiv ta' dik is-sentenza. B'hekk iddikjarat ukoll li l-imputata kellha tiskonta perjodu komplessiv ta' għaxar snin priġunerija.

G. Apparti dan, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ordnat il-konfiska tal-vettura SEAT bin-numru tar-reġistrazzjoni DBP063 a favur tal-Gvern ta' Malta.

H. Finalment ordnat ukoll lill-imputat iħalsu lir-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali s-somma ta' elfejn disa' mija sebgħa u tmenin euro tlieta u għoxrin ċenteżmu (€2,987.23) rappreżentanti l-ispejjeż inkorsi fil-proċeduri in konnessjoni mal-ħatra t'esperti.

## C. L-APPELL INTERPOST

3. Permezz ta' rikors datat 21 ta' Frar 2018, BORG u VELLA appellaw minn din is-sentenza fejn talbu lil din il-Qorti sabiex tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellanti mhux ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tagħhom filwaqt li tirriformaha in kwantu l-piena inflitta fuq iż-żewġt appellanti

u tinfliġġi piena aktar idoneja u anqas ħarxa li tirrispekkja l-każ in eżami, u dan wara li (in suċċint) saħqu s-segwenti :

(a) Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) naqset milli tieħu in konsiderazzjoni l-artikolu 18 tal-Kodiċi Kriminali u tqis ir-reati kommessi bħala reat kontinwat. Dan peress li r-reati kommessi kienu *spree thefts* li, bosta minnhom, ġew ammessi mill-appellanti mill-ewwel u li l-valur tar-refurtiva minn dawn is-serqiet kien bosta drabi wieħed baxx ħafna. Il-ħsara volontarja li ġiet kommessa kienet mezz għall-fini li jsiru s-serqiet u għalhekk kien hemm lok għal assorbiment. Dawn kienu serqiet li juru **modus operandi** kemxejn dilettantesk billi ġiet ukoll użata l-karozza tal-appellant BORG u fi kwalunkwe każ saru in preda għall-vizzju tal-abbuż tad-droga da parti tal-appellanti.

(b) Illi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ordnat li sentenza ta' priġunerija sospiża mogħtija preċedentement kontra l-appellanti jiġu fis-seħħ minkejja l-fatt li dawn l-istess sentenzi ta' priġunerija fil-forma sospiża kienu diġa ġew ordnati li jiġu fis-seħħ b'sentenzi oħra tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) qabel ma ingħatat is-sentenza appellata. Dan iwassal għal imposizzjoni ta' kastig doppju;

(c) L-appellanta VELLA ġiet ukoll kundannata għal reat taħt l-artikolu 112(e) tal-Kapitolu 354 tal-Liġijiet ta' Malta u immultata mitejn euro (€200) meta dan ir-reat ma kienx imputabbli fl-imputazzjonijiet miġjuba kontra tagħha.

(d) Inoltre l-appellanti ammettew kważi għal kull serqa imputata lilhom u dan il-fattur kellu jittieħed in konsiderazzjoni mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fil-piena inflitta minnha.

**D. IL-PARTI ĠENERALI**

4. Dan l-appell huwa essenzjalment appell mill-piena li ġiet inflitta mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fil-konfront tal-appellanti.

5. Issa l-ġustifikazzjoni tal-piena fl-eżerċizzju tad-Dritt Penali modern hija pernjata fuq tliet prinċipji kardinali u tiffoka fuq tliet effetti prinċipali, jiġifieri l-effett :

(a) Retributtiv;
(b) Preventiv; u
(c) Riedukattiv jew rijabilitattiv tal-piena.

6. L-aspett retributtiv tal-piena huwa, skont il-ġurista Francesco Carnelutti, dak li jservi biex jirristabbilixxi moralment is-sitwazzjoni għal kif kienet qabel ma seħħet il-ħsara bil-kommissjoni tar-reat. Il-ħati jrid jagħmel tajjeb għall-azzjoni vjolattiva tad-dritt penali kommessa minnu u li tkun kisret il-paċi u trankwillita' soċjali.

7. L-aspett preventiv tal-piena huwa dak li jrid jassigura li l-piena tkun strument li bih, grazzi għal biża li s-sanzjoni li tkun tista' tingħata toħloq f'moħħ il-persuni, b'mod li dak li jkun jerġa jaħsibha darbtejn qabel ma jikkommetti reat. Fi kliem ieħor, minħabba l-biża li teħel il-

piena, persuna tiġi mġegħela tixtarr sew il-konsegwenzi t'egħmilha **qabel** ma twettaq l-att kriminuż.

8. L-effett preventiv għalhekk huwa dupliċi : wieħed ta' natura ġenerali u l-ieħor ta' natura speċjali. L-effett preventiv ġenerali huwa dak li bis-saħħa tal-liġi penali li tistabbilixxi l-piena, l-kollettivita tiġi kemm jista' jkun miżmuma milli tikkommetti reati minħabba l-biża li tinkorri fil-piena jekk tinstab ħatja. Aktar ma dik il-piena tiġi applikata fil-prattika, aktar dak l-effett preventiv ġenerali jkun laħaq il-mira tiegħu. L-aspett preventiv speċjali huwa dak li japplika għall-ħati innifsu, li jkun esperjenza fuqu personali l-effetti tal-piena, b'mod li darb'oħra jerġa jaħsibha sew qabel ma jagħżel li jikser il-Liġi. Jekk il-kollettivita titlef din il-biża mill-piena minħabba li l-Liġi penali tibda' titnaqqar fil-kwalita jew kwantita tal-piena jew inkella minħabba li l-pieni ma jiġux applikati bir-rigorosita dovuta għall-fattispecie tal-każ, allura ma jkun hemm xejn li jġiegħel lill-kollettivita milli tiddeżisti għax jekk tiddelinkwi mingħajr konsegwenza jew b'konsegwenza żgħira, isir konvenjenti għall-kollettivita' li tiddelinkwi. Dan iwassal għal proliferazzjoni ta' delinkwenza b'konsegwenzi nefasti għall-interessi tal-istess kollettivita'. Il-kollettivita' allura teħtieġ li l-piena jkollha aspett preventiv li jkun effettiv u effikaċi meħtieġ għall-eżistenza paċifika tal-istess kollettivita. Altrimenti, il-kollass.

9. Finalment hemm l-aspett riedukattiv u rijabilitattiv tal-piena, li tikkonċentra mhux daqstant fuq l-aspett tal-ħtija speċifika tal-ħati u li għaliha tkun immirata l-azzjoni repressiva tal-piena, daqskemm fuq l-aspett ta' trattament terapewtiku individwali, immirat lejn ir-rijabilitazzjoni tal-ħati. Dan l-aspett rijabilitattiv huwa kruċjali għall-kollettivita in kwantu jgħin lill-ħati jgħaddi minn proċess ta' riforma

tiegħu innifsu biex jgħinu jinqata' mir-raġunijiet u l-kundizzjonijiet li jkunu wasluh biex jiddelinkwi, billi jagħraf iqum fuq saqajh, billi jibni ħajtu mill-ġdid u ma jibqax aktar ta' theddida għas-soċjeta bħal meta kien fil-mument meta jkun iddelinkwa.

10. F'dan il-kuntest il-piena għandu jkollha effetti riedukattivi u korrezzjonali fuq il-ħati. Iżda aktar minn hekk il-ħati għandu jkollu dawk l-istrutturi maħsuba mill-Istat biex ikun jista' jwettaq dan il-perkors rijabilittativ u jiġi mgħejjun itejjeb l-imġieba tiegħu b'mod li għalhekk ikun jista' jerġa jiġi reintegrat fis-soċjeta, billi jiġi riedukat, imħeġġeġ jiżviluppa t-talenti u l-abbiltajiet tiegħu, inkoraġġit jaħdem biex ikollu biex jerġa jibni ħajtu, jkollu biex jgħix diċenti, ma jkollux għalfejn jiddelinkwi u jkollu wkoll minn fejn għad-danni li jkun ikkawża b'egħmilu. F'dan is-sens allura l-Carnelutti jtenni li l-piena hija distinta mill-kastig, għalkemm għandha effikaċja repressiva.

11. F'dawn il-proċeduri t'appell, il-Qorti trid tara jekk il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx legalment u raġonevolment tasal għas-sentenza tagħha, jekk il-piena inflitta minnha kienet taqa' fil-parametri legali u jekk kienetx żbaljata fil-prinċipju jew kienetx manifestament eċċessiva.

12. Din il-Qorti tqis li, in bażi għall-provi imresqa u l-argumenti legali mistqarra quddiemha, l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) setgħet legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha li ssib ħtija fl-appellanti.

13. Tibqa' l-kwistjoni jekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kienetx żbaljata fil-prinċipju jew erogatx piena li kienet manifestament

eċċessiva.  Kif ġie mistqarr mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fil-kawża fl-ismijiet ***The Republic of Malta vs. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek*** deċiża nhar il-25 t'Awissu 2005 :

> It is clear that the first Court took into account all the mitigating as well as the aggravating circumstances of the case, and therefore the punishment awarded is neither wrong in principle nor manifestly excessive, even when taking into account the second and third grounds of appeal of appellant Melek. As is stated in Blackstone's Criminal Practice 2004 (supra):
>
> "The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal's general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. Thus in Nuttall (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, 'This court will...be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, though they may appear heavy to individual judges' (emphasis added). Similarly, in Gumbs (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: '...that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle." Both Channell J in Nuttall and Lord Hewart CJ in Gumbs use the phrase 'wrong in principle'. In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed."[2]
>
> This is also the position that has been consistently taken by this Court, both in its superior as well as in its inferior jurisdiction.

14. Mill-banda l-oħra din il-Qorti trid tagħmel l-evalwazzjoni tagħha dwar jekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) applikatx piena li kienet manifestament eċċessiva meta wieħed jieħu kont ukoll tal-aspetti retributtivi u preventivi tas-sentenza emessa minnha.  Kif intqal aktar il-fuq fl-appell ***Kandemir*** u li ġie wkoll imbagħad ribadit

fl-appell superjuri ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Marco Zarb***, deċiża nhar il-15 ta' Diċembru 2005, din il-Qorti bħala Qorti ta' appell ma tiddisturbax is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-ewwel istanza sempliċiment għaliex kienet tippreskrivi piena li kienet għola minn dik li din il-Qorti kif komposta kienet kieku tagħti kieku kienet hi li qegħda teroga l-piena. Biex l-appell jirnexxi, kien meħtieġ li l-appellant juri li l-piena mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati kienet toħroġ barra mill-parametri tal-piena jew miżuri applikabbli għall-każ. Din il-Qorti ma tinterferix ma pieni li ma jkunux jidhru li huma żbaljati fil-prinċipju, għalkemm ikunu jidhru li huma pieni ħorox għal xi Ġudikanti. Biex piena mogħtija minn Qorti tal-Ewwel Istanza tkun tista' tiġi mibdula jrid jiġi pruvat li kien hemm xi żball fil-prinċipju wara l-emanazzjoni ta' dik il-piena. Il-Qorti tal-Appell Kriminali fl-Ingilterra żviluppat ukoll il-kunċett ta' sindakabilita tal-piena tal-Qorti tal-Ewwel Istanza fil-każ li din tkun eċċessiva jew manifestament eċċessiva. Biss dan ma jfissirx li sempliċiment għax sentenza tkun tidher li hija fuq in-naħa aktar severa din tkun tissodisfa dan it-test tal-eċċessivita jew eċċessivita manifesta. Anzi dik il-Qorti ttenni li appell fuq tali piena jkun jista' jiġi milqugħ jekk jirriżulta li s-sentenza tkun barra l-parametri tal-piena li tkun applikabbli :

a. għall-offiża in kwistjoni u
b. għaċ-ċirkostanzi tal-ħati

u mhux għaliex tkun piena li tkun għola minn dik li kieku l-Qorti tal-Appell kienet teroga għall-każ in kwistjoni. Dawn il-prinċipji ġew ukoll imħadnin minn din il-Qorti, kolleġjalment komposta fis-sentenza ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Carmen Butler et*** deċiża nhar is-26 ta' Frar 2009 fejn ġie mistqarr ukoll is-segwenti :

> 8. Fil-verita`, dawn il-principji huma rifless tal-principju l-iehor li meta jkun hemm sentenza li tigi appellata mill-hati, il-Qorti tal-Appell Kriminali, bhala regola, ma tiddisturbax il-piena erogata mill-ewwel qorti sakemm dik il-piena ma tkunx manifestament sproporzjonata jew sakemm ma jirrizultax li l-ewwel qorti tkun naqset milli taghti importanza lil xi aspett partikolari tal-kaz (u anke, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza ta' l-ewwel qorti) li kien jincidi b'mod partikolari fuq il- piena. S'intendi, kif diga` nghad, "sentencing is an art rather than a science" u wiehed ma jistax jippretendi xi precizjoni matematika jew identita` perfetta fit-tqabbil tal- fatti ta' kaz ma' iehor jew tal-piena erogata f'kaz ma' dik erogata f'kaz iehor.

15. Il-ġurisprudenza prevalenti f'dan il-kuntest, tgħallem li meta Qorti tiġi biex teroga piena trid tieħu kont taċ-ċirkostanzi kollha li jsawru l-każ, jiġifieri dawk tal-vitmi, l-interessi tal-komunita kollha kemm hi, kif ukoll dawk tal-ħati. F'dan is-sens, kemm il-ġurisprudenza lokali kif ukoll dik Ingliża tistabbilixxi li fl-eżerċiżżju ta' reviżjoni imħolli lilha, il-Qorti tal-Appell Kriminali trid tistħarreġ appell fuq il-piena inflitta kemm billi tqis iċ-ċirkostanzi kollha prevalenti li l-Qorti tal-Ewwel Istanza setgħet kienet f'qagħda li tara, kif ukoll, skont kif imsemmi fis-sentenza ***Butler*** tqis *anke, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza ta' l-ewwel qorti.*

## E. Il-KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

16. Mistqarra dawn il-prinċipju ġenerali, din il-Qorti, wara li eżaminat il-proċess li wassal għas-sentenza appellata, kif ukoll dak li seħħ anke fil-mori ta' dan l-appell fir-rigward taż-żewġt appellanti, tikkunsidra s-segwenti :

17. Kwantu għall-ewwel aggravju tal-appellanti din il-Qorti ma taqbilx li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ma ħaditx in konsiderazzjoni r-

reati kontestati u li għalihom ġew misjuba ħatja bħala reat kontinwat. Fil-fatt jirriżulta mid-deċide f'paġna 27 tas-sentenza li dik il-Qorti inkludiet kemm l-artikolu 17 kif ukoll l-artikolu 18 tal-Kodiċi Kriminali qalb l-artikoli tal-Liġi msemmija minnha bħala li ħadet konjizzjoni tagħhom.

18. Jirriżulta wkoll mill-istess paġna li kkunsidrat l-imputazzjonijiet numri tnejn, erba', sitta, disa', ħdax, tlettax, ħmistax u sbatax bħala li kienu servew mezz għall-fini għall-ewwel, tielet, ħames, tminn, għaxar, tnax, erbatax u sittax il-imputazzjoni.

19. Din il-Qorti rat li anke jekk wieħed kellu jadopera l-prinċipju l-aktar vantaġġjuż għall-appellanti li jitnissel mill-appell fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Salvu Depares**, deċiża mill-Qorti Kriminali nhar is-6 ta' Marzu 1954, li fil-każ ta' diversi reati kontra l-patrimonju, għall-finijiet tal-valur għandu jiġi meqjus il-valur ta' dak ir-reat li hu l-akbar fost il-valuri l-oħra, xorta jibqa' l-fatt li l-piena li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) setgħet timponi f'dan il-każ kienet tibqa' waħda għolja ħafna u li kienet xorta waħda tibqa' fil-parametri tal-piena li ġiet imposta mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fis-sentenza tagħha.

20. Bl-applikazzjoni tar-reat kontinwat skont il-prinċipju **Depares**, jirriżulta li l-imputazzjoni numru tmienja bażata fuq is-serqa tat-28 t'April 2015 a dannu ta' Kevin Azzopardi u Francis Azzopardi kienet dik l-imputazzjoni li tirrifletti valur tar-reat li hu l-akbar fost il-valur l-oħra. Din is-serqa kienet kwalifikata bil-mezz u bil-valur li jeċċedi l-elfejn tliet mija disgħa u għoxrin euro sebgħa u tletin ċenteżmi.

21. Skont l-artikolu 279(b) tal-Kodiċi Kriminali il-piena f'dan il-każ hija dik tal-priġunerija li tvarja minn tlettax il-xahar sa seba' snin.

Iżda f'dan il-każ ir-reat huwa kwalifikat ukoll bil-kwalifika tal-mezz stante li ġie kommess permezz ta' sgass. Għalhekk japplika l-artikolu 280(2) tal-Kodiċi Kriminali li jgħid hekk:

> (2) Jekk is-serq, barra milli bil-kwalifika tal-"valur", ikun akkumpanjat ukoll bil-kwalifika tal-"vjolenza" jew tal-"mezz", jew bit-tnejn, għandha tingħata l-piena li hemm għas-serq akkumpanjat b'dawk il-kwalifiki:
>
> Iżda, jekk din il-piena tkun anqas mill-pieni msemmija fl-aħħar artikolu qabel dan, għandhom jingħataw dawn l-aħħar pieni miżjuda bi grad.

22. Jiġifieri ġaladarba r-reat de quo huwa kwalifikat ukoll bil-mezz, trid tingħata l-piena għar-reat kwalifikat bil-mezz skont l-artikolu 278(1) jiġifieri l-piena ta' priġunerija minn ħames xhur sa tliet snin. Biss din il-piena tirriżulta anqas mill-"pieni imsemmija fl-aħħar artikolu qabel dan" – frażi li tintuża mill-artikolu fl-artikolu 280(2) tal-Kodiċi Kriminali. Li tfisser ukoll li ġaladarba din il-piena hija anqas mill-pieni imsemmija fl-artikolu 279(b) applikabbli għal dan ir-reat de quo, allura l-piena li trid tiġi applikata hija "dawn l-aħħar pieni miżjuda bi grad". "Dawn l-aħħar pieni" qegħda tirreferi għall-pieni imsemmija "fl-aħħar artikolu qabel dan" – jiġifieri fl-artikolu 279, li f'dan il-każ allura, ġaladarba l-valur tar-refurtiva kien jaqbeż l-elfejn tliet mija disgħa u għoxrin euro sebgħa u tletin ċenteżmi hija dik ta' priġunerija minn tlettax il-xahar sa' seba' snin, li pero, bis-saħħa tal-proviso tal-artikolu 280(2) tal-Kodiċi Kriminali trid tiżdied bi grad. Dan jagħmel sens għaliex jekk il-piena kwalifikata bil-valur biss kienet dik li tvarja minn tlettax il-xahar sa' seba' snin, meta din tkun kwalifikata wkoll bi kwalifika serja bħal ma hija dik tal-mezz, allura huwa loġiku li l-piena trid tkun għola minn dik prevista għal serq kwalifikata bil-valur biss.

23. Jiġifieri f'dan il-każ il-piena għat-tminn imputazzjoni tvarja bejn tmintax il-xahar priġunerija u disa' snin priġunerija. U din hija biss il-piena għat-tminn imputazzjoni mingħajr ma jitqiesu fatturi oħra bħal ma huma l-applikazzjoni tar-reat kontinwat taħt l-artikolu 18 tal-Kodiċi Kriminali fejn il-piena tista' tiżdied bi grad jew żewġ gradi. Bl-applikazzjoni tal-artikolu 18 tal-Kodiċi Kriminali għalhekk dik il-piena:

(a) Jekk tiżdied bi grad titla' għal piena ta' bejn sentejn priġunerija u tnax il-sena;
(b) Jekk il-piena tkun tista' tiżdied b'żewġ gradi titla' għal piena bejn tliet snin u għoxrin sena.[1]

24. Jirriżulta "**palam**" li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) infliġġiet piena waħda u globali għal dawn ir-reati. Minn dak miktub fis-sentenza din il-Qorti hija konvinta li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ikkunsidrat dawn ir-reati kollha bħala reat kontinwat ai termini tal-artikolu 18 tal-Kodiċi Kriminali u evitat il-kumulu ta' pieni kif donnhom jallegaw l-appellanti. Jirriżulta għalhekk li l-piena erogata mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fir-rigward tal-ewwel tmintax il-imputazzjoni kienet korretta kwantu għall-kwalita tal-piena u korretta kwantu għall-kwantita tal-piena fis-sens li kienet taqa' fil-parametri tal-piena imposta skont il-Liġi applikabbli għall-każ.

25. Għalhekk f'dan is-sens l-ewwel aggravju qiegħed jiġi respint.

---

[1] Dan meta ma jittieħedx kont tar-reċidiva li jekk tirriżulta, tkun tista' ttella' l-piena għal ferm aktar minn hekk. Jekk wieħed kellu jieħu r-reċidiva in bażi għall-artikolu 50 tal-Kodiċi Kriminali, il-piena tista' tiżdied bi grad wieħed. Jiġifieri f'dan il-każ il-piena tista' titla' sa bejn erba' snin sa tletin sena priġunerija. Jekk jirriżulta wkoll applikabbli r-reċidiva speċjali taħt l-artikolu 289 tal-Kodiċi Kriminali – fatt li jidher li rriżulta lil Qorti tal-Maġistrati wkoll f'dan il-każ – allura l-piena setgħet ukoll titla' fil-każ tat-tieni kundanna fir-reat ta' serq sa żewġ gradi u fil-każ tat-tielet kundanna jew aktar il-piena setgħet titla' sa tliet gradi. Jiġifieri b'żewġ gradi l-piena titla' bejn ħames snin u erbgħin sena priġunerija u bi tliet gradi titla' bejn sitt snin priġunerija u l-għomor.

**Ikkunsidrat**

26. Illi t-tieni aggravju huwa fis-sens li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ordnat li sentenzi ta' priġunerija sospiża mogħtija preċedentement kontra l-appellanti jiġu fis-seħħ minkejja l-fatt li dawn l-istess sentenzi ta' priġunerija fil-forma sospiża kienu diġa ġew ordnati li jiġu fis-seħħ b'sentenzi oħra tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) qabel ma ingħatat is-sentenza appellata. Dan iwassal għal imposizzjoni ta' kastig doppju.

27. Issa dwar dan l-aggravju l-appellanti irriżulta li għandhom fattwalment raġun. Fil-fatt jirriżulta anke mill-analiżi li għamlet din il-Qorti nonche mill-eżami tal-proċess u tad-dokumenti eżebiti anke matul il-kors ta' dan l-appell li :

(a) Kwantu għal Stephen BORG, is-sentenza mogħtija fil-konfront tiegħu fl-4 ta' Marzu 2015 jiġifieri dik ta' sentejn priġunerija fil-forma sospiża kienet ġiet reża fis-seħħ diġa permezz ta' sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar it-8 ta' Awissu tal-2018 mogħtija mill-Maġistrat Dottor Francesco Depasquale. Minn dik is-sentenza jirriżulta li ma kienx ġie intavolat appell. B'hekk dik is-sentenza kienet bdiet isseħħ. Dan il-fatt qablet ukoll miegħu l-Avukat Ġenerali. F'dan il-każ, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kienet emanat is-sentenza tagħha fid-9 ta' Frar 2018 u għalhekk hija kienet legalment u raġonevolment korretta li tordna li s-sentenza mogħtija fil-konfront ta Stephen BORG fl-4 ta' Marzu 2015 jiġifieri dik ta' sentejn priġunerija fil-forma sospiża kellha tiġi reża fis-seħħ. Iżda ġaladarba minn dik

is-sentenza ġie interpost dan l-appell, dik is-sentenza tal-4 ta' Marzu 2015 ma kienetx ġiet skontata mill-appellant. Imbagħad meta ingħatat is-sentenza tas-6 t'Awissu 2018 dik il-Qorti kienet ordnat li BORG jibda jiskonta l-piena ta' sentejn priġunerija mid-data ta' dik is-sentenza stess.

Fid-dawl ta' dawn il-fatti riżultanti, u anke fid-dawl tal-qbil bejn il-partijiet li l-appellant BORG fil-fatt kien beda jiskonta l-piena ta' sentejn priġunerija qabel id-data ta' din is-sentenza bis-saħħa tas-sentenza tas-6 t'Awissu 2018, din il-Qorti tqis li ma tistax tħalli fis-seħħ l-ordni tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fis-sentenza appellata in kwantu jekk jiġri hekk l-appellant BORG jiġi li jkun qiegħed jiskonta l-piena ta' sentejn priġunerija darbtejn. Għalhekk dan l-aggravju jimmerita li jiġi milqugħ.

(b) Kwantu għal Antonella VELLA, s-sentenza mogħtija fil-konfront tagħha fit-8 ta' Lulju 2013 jiġifieri dik ta' sena priġunerija fil-forma sospiża kienet ġiet reża fis-seħħ diġa permezz ta' sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali tas-6 ta' Frar 2020 mogħtija mill-Onorevoli Imħallef Consuelo Scerri Herrera fejn fis-sentenza tagħha eżebita a fol 687 jirriżulta li stqarret li dik il-Qorti kienet qegħda trendi effettiv is-sentenza ta' sena priġunerija fil-forma sospiża tat-8 ta' Lulju 2013. B'hekk dik is-sentenza kienet bdiet isseħħ. Irriżulta għalhekk li l-imputazzjoni li permezz tagħha ġiet addebitata l-appellanti VELLA f'dan il-każ (imputazzjoni numru 20) kienet ukoll diġa ġiet imputata fi proċeduri separati quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) (imputazzjoni numru 34) u li eventwalment kienet instabet ħatja tagħha minn dik il-Qorti u liema sentenza kienet ġiet appellata u,

kif intqal aktar il-fuq deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-6 ta' Frar 2020. Ġara għalhekk li l-istess imputazzjoni kienet ġiet finalment deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali u dik is-sentenza kienet ġiet ordnata li tiġi fis-seħħ fil-mori ta' dan l-appell.

Dan il-fatt qablet ukoll miegħu l-Avukat Ġenerali. F'dan il-każ, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kienet emanat is-sentenza tagħha fid-9 ta' Frar 2018 u għalhekk hija kienet legalment u raġonevolment korretta li tordna li s-sentenza mogħtija fil-konfront ta Antonella VELLA fit-8 ta' Lulju 2013 jiġifieri dik ta' sena priġunerija fil-forma sospiża kellha tiġi reża fis-seħħ. Iżda ġaladarba minn dik is-sentenza ġie interpost dan l-appell, u mis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tas-26 t'Ottubru 2017 kien ukoll ġie interpost appell u li, kif intqal aktar il-fuq kienet ġiet ukoll imputata bil-kommissjoni ta' wħud mir-reati hemmhekk imsemmija matul il-perjodu operattiv ta' dik is-sentenza sospiża, u liema appell intemm bis-sentenza tas-6 ta' Frar 2020 fejn dik is-sentenza sospiża ġiet reża fis-seħħ, u anke fid-dawl ta' dawn il-fatti riżultanti, u anke fid-dawl tal-qbil bejn il-partijiet li l-appellanta VELLA fil-fatt kienet bdiet tiskonta l-piena ta' sena priġunerija qabel id-data ta' din is-sentenza bis-saħħa tas-sentenza tas-6 ta' Frar 2020, din il-Qorti tqis li ma tistax tħalli fis-seħħ l-ordni tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fis-sentenza appellata in kwantu jekk jiġri hekk l-appellanta VELLA tiġi li tkun qegħda tiskonta l-piena ta' sentejn priġunerija darbtejn. Għalhekk dan l-aggravju jimmerita li jiġi milqugħ.

**Ikkunsidrat**

28. It-tielet aggravju huwa fis-sens li l-appellanta VELLA ġiet ukoll kundannata għal reat taħt l-artikolu 112(e) tal-Kapitolu 354 tal-Liġijiet ta' Malta u immultata mitejn euro (€200) meta dan ir-reat ma kienx imputabbli fl-imputazzjonijiet miġjuba kontra tagħha.

29. Ir-raba' aggravju huwa fis-sens li l-appellanti ammettew kważi għal kull serqa imputata lilhom u dan il-fattur kellu jittieħed in konsiderazzjoni mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fil-piena inflitta minnha.

30. Dawn iż-żewġt aggravji sejrin jiġu trattati flimkien in kwantu t-tnejn li huma marbuta ma' aspetti tal-piena erogata li jeħtieġu aktar approfondiment – bit-tielet aggravju jeħtieġ approfondiment partikolari u r-raba aggravju wieħed aktar ġenerali. Apparti minn hekk, minbarra l-kwistjoni jekk il-piena kienetx korretta fil-kwalita (bħala piena karċerarja) u kwantita tagħha (in kwantu tkun fil-parametri tal-Liġi) il-Qorti trid tistħarreġ ukoll jekk il-piena erogata tkunx żbaljata fil-prinċipju u jekk tkunx manifestament eċċessiva.

31. Illi jifdal l-analiżi fir-rigward tas-sejbien ta' ħtija fir-rigward l-imputazzjonijiet numru 21, 22, 23 u 24 fir-rigward tal-appellanta VELLA kif ukoll l-imputazzjonijiet numru 27, 28 u 29 fir-rigward tal-appellant BORG.[2] Il-Qorti sejra timxi għalhekk b'mod tematiku aktar milli kronoloġiku u dan għall-ekonomija tal-ġudizzju.

---

[2] In kwantu jirriżulta minn fol 26 tas-sentenza appellata li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) għar-raġunijiet imsemmija fis-sentenza kienet iddikjarat li ma kienetx tista' ssib lill-appellant BORG ħati tal-imputazzjoni numru 26. B'hekk id-decide tas-sentenza a fol 27 irid jinqara' flimkien ma dak mistqarr fil-paġna ta' qabel relattivament għal dawk l-imputazzjonijiet li kienet qed tinstab ħtija dwarhom u l-piena erogata

32. Qabel xejn l-appellanta Antonella VELLA ġiet misjuba ħatja tal-imputazzjonijiet numru 21 ċjoe li wetqet reat waqt perjodu operattiv ta' liberazzjoni kondizzjonata imposti fuqha mill-Qorti tal-Magistrati preseduta mill-Magistrat Dr. A. Mizzi LL.D. fit-8 ta' Mejju, 2013. Id-Difiża targumenta li din is-sentenza kienet diġa ġiet trattata magħha fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tas-6 ta' Frar 2020. Il-Prosekuzzjoni ma taqbilx ma dan l-argument. Marbuta ma din l-imputazzjoni hemm ukoll is-sejbien ta' ħtija lamentat mill-appellanta relattivament għall-multa ta' mitejn euro (€200) imposta fuqha in segwitu għas-sejbien ta' ħtija tagħha tar-reat oriġinali. Dan peress li s-sejbien ta' ħtija tagħha tal-artikolu 112(e) tal-Kapitolu 354 tal-Liġijiet ta' Malta għalkemm verament ma kienx imputat lill-appellanta oriġinarjament, mill-banda l-oħra dan jikkostitwixxi r-reat li tiegħu setgħet tiġi trattata dwaru fil-każ li jkunu jissustu l-estremi tal-applikazzjoni tal-artikolu 23(1)(a) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta kif fil-fatt għamlet il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fis-sentenza appellata.

33. Jiġifieri l-appellanta ma għandhiex raġun fit-tielet aggravju meta tgħid li hija ma setgħetx tiġi misjuba ħatja in kwantu r-reat li tiegħu ġiet misjuba ħatja ma kienx ġie oriġinarjament imputat lilha. Dan peress li dak jista' jitqies li kien inkluż fl-imputazzjoni numru 21 bħala waħda mill-konsegwenzi fil-każ li dik l-imputazzjoni kienet tista' titqies integrata mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kif fil-fatt sabet li kien il-każ dik il-Qorti.

---

fuqhom. Inoltre l-imputazzjonijiet numri 20 u 25 kienu diġa trattati minn din il-Qorti waqt li kienet qegħda titratta t-tieni aggravju, li kif intqal sejjer jiġi milqugħ.

34. Iżda din il-Qorti trid tara jekk, in bażi għall-provi li kellha dik il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) quddiemha hija setgħetx, legalment u raġonevolment issib lill-appellanta ħatja tal-imputazzjoni numru 21 biex b'hekk titratta magħha fit-termini tal-artikolu 23 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta. Din il-Qorti, wara li qieset il-provi li nġiebu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tqis li dik il-Qorti ma setgħetx li ssib lill-appellanta ħatja tal-imputazzjoni numru 21 u dan peress li wieħed mir-rekwiżiti meħtieġa sabiex tali imputazzjoni setgħet titqies integrata ma ġiex soddisfaċentement ippruvat lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni.

35. Għalkemm fil-proċess din il-Qorti rat li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) irċeviet kopja awtentika tas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati preseduta mill-Magistrat Dr. A. Mizzi LL.D. fit-8 ta' Mejju, 2013 kif ukoll li kien hemm dettalji suffiċjenti sabiex dik il-Qorti setgħet tikkonkludi li l-persuna imsemmija f'dik is-sentenza kienet fil-fatt il-persuna tal-istess imputata imresqa għall-ġudizzju quddiemha, mill-banda l-oħra l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) f'dan il-każ ma kellhiex biżżejjed provi biex tkun tista' wkoll tikkonkludi li dik is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tat-8 ta' Mejju, 2013 kienet sentenza finali u definittiva b'mod li kienet tagħmel stat kontra l-appellanta. Meta Qorti tiġi biex tiġġudika persuna li wetqet reat matul il-perjodu ta' liberazzjoni kondizzjonata, dik il-Qorti jrid ikollha l-konfort probatorju sikur li dik is-sentenza ma kienetx appellata jew jekk kienet appellata is-sentenza kienet ġiet definittivament determinata mill-Qorti tal-Appell Kriminali b'sentenza finali jew b'digriet ta' deżerzjoni li jkun finali. Ebda Qorti ta' Ġustizzja Kriminali ma tista' tassumi li, għaliex il-Prosekuzzjoni tkun eżebiet sentenza ta' Qorti ta' Prim Istanza dik is-sentenza tkun is-sentenza

finali sempliċiment għax il-Prosekuzzjoni tkun preżentat lilha. Huwa dmir tal-Prosekuzzjoni li minbarra li tipprova l-imputazzjoni relattiva bil-kopja awtentika tas-sentenza kundannatorja, kif ukoll li tipprova l-identita tal-persuna imputata ma dik imsemmija fis-sentenza kundannatorja, trid tipprova wkoll li dik is-sentenza kundannatorja kienet is-sentenza li tikkostitwixxi ġudikat kontra l-imputata appellanta. Din il-prova ma tresqitx f'dan il-każ in kwantu minn imkien ma jirriżulta li dik is-sentenza kienet res iudicata kontra l-appellanta.

36. B'hekk din il-Qorti sejra tillibera lill-appellanta mill-imputazzjoni numru wieħed u għoxrin in kwantu l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ma kienetx legalment u raġonevolment korretta li ssib ħtija fuqha mingħajr il-prova li s-sentenza li tagħat lok għal dik l-imputazzjoni kienet ukoll res iudicata. Bħala konsegwenza it-tielet aggravju tal-appellanta sejjer jiġi milqugħ, għalkemm mhux għar-raġuni miġjuba minnha fir-rikors tal-appell.

37. Hemm imbagħad sensiela ta' imputazzjonijiet fir-rigward taż-żewġt appellanti li huma marbuta mas-sejbien ta' ħtija ta' ksur ta' varji digrieti li fihom kien hemm il-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest mogħtija lill-appellanti fi proċeduri varji. Dawn huma l-imputazzjonijiet numri 22, 23 u 24 fir-rigward tal-appellant Antonella VELLA kif ukoll l-imputazzjonijiet numri 27, 28 u 29 fir-rigward tal-appellant Stephen BORG.

38. Din il-Qorti tqis li, skont ġurisprudenza prevalenti, ir-rekwiżiti minimi sabiex din l-imputazzjoni tiġi ritenuta integrata lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni huma billi l-Prosekuzzjoni tressaq :

(a) Kopja awtentika tad-digriet konċedenti l-benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest;

(b) Tressaq il-prova l-identita tal-persuna imputata ma dik imsemmija fid-digriet konċedenti l-ħelsien mill-arrest;

(c) Tressaq il-prova li dak id-digriet kien fis-seħħ fil-jum meta jkun ġie kommess ir-reat de quo billi kemm id-digriet kif ukoll il-proċeduri li minnu jitnisslu jiġu pruvati li kienu għadhom pendenti fil-jum tal-kommissjoni tar-reat.

39. Issa fir-rigward tal-imputazzjoni numru 22 jirriżulta li dawn il-provi kollha tresqu. Biss il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) iddeċidiet li għalkemm issib il-ħtija għar-rigward ta' din l-imputazzjoni peress li meta seħħew ir-reati imputati lill-appellanti d-digriet tal-ħelsien mill-arrest u l-proċeduri rispettivi kienu għadhom fis-seħħ, dawn ġew fi tmiemhom wara u fil-mori tal-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u li waslu għal dan l-appell. B'hekk dik il-Qorti kkonkludiet li għalkemm il-konfiska kienet tassattiva, l-ammont stabbilit fil-ħelsien mill-arrest taħt garanzija ma setgħax jiġi konfiskat favur il-Gvern ta' Malta.

40. Illi kwantu għall-imputazzjoni numru 23 jirriżulta li fis-sentenza ta' din il-Qorti tas-6 ta' Frar 2020, din il-Qorti diversament presjeduta kienet diġa, f'dak il-każ li kellha quddiemha ordnat ir-revoka tad-digriet tal-ħelsien mill-arrest u l-arrest mill-ġdid tal-ħatja VELLA. L-Avukat Ġenerali fil-fatt ikkonċediet ukoll li f'dan il-każ l-appellanta VELLA kienet diġa hekk ġiet kundannata minn din il-Qorti in bażi għall-ksur ta' dawk il-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest.

41. Mill-banda l-oħra jirriżulta wkoll li l-imptuazzjoni numru 24 ġiet soddisfaċentement ippruvata sal-grad rikjest mill-Liġi u b'hekk kienet corretta l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) li fis-sentenza tagħha ordnat ir-revoka tal-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest, l-arrest mill-ġdid u l-konfiska tal-ammont tal-garanzija hemmhekk stipulata.

42. Illi imbagħad kwantu għal dak li jirrigwarda lil Stephen BORG jirriżulta li kwantu għall-imputazzjoni numru 27 jirriżulta li fis-sentenza ta' din il-Qorti tas-6 ta' Frar 2020, din il-Qorti diversament presjeduta kienet diġa, f'dak il-każ li kellha quddiemha ordnat ir-revoka tad-digriet tal-ħelsien mill-arrest u l-arrest mill-ġdid tal-ħati BORG. L-Avukat Ġenerali fil-fatt ikkonċediet ukoll li f'dan il-każ l-appellant BORG kien diġa hekk ġie kundannat minn din il-Qorti in bażi għall-ksur ta' dawk il-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest.

43. Mhux l-istess jista' jingħad pero fir-rigward tal-imputazzjonijiet numri 28 u 29 fejn jirriżulta li l-Prosekuzzjoni ippruvathom sal-grad rikjest mill-Liġi u b'hekk kienet korretta l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) li fis-sentenza tagħha ordnat ir-revoka tal-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest, l-arrest mill-ġdid u l-konfiska tal-ammont tal-garanzija hemmhekk stipulata.

44. Illi imbagħad jifdal l-addebitu tar-reċidiva li ġie wkoll imputat liż-żewġt appellanti. Biex il-Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tkun tista' tapplika l-effetti tar-reċidiva fil-konfront ta' persuna misjuba ħatja ta' delitt, dik il-Qorti qabel xejn tkun trid li ssib lil dik il-persuna bħala li tkun reċidiva fl-ewwel lok. Iż-żieda fil-piena hija **effett** tar-reċidiva u mhux il-kawża. U ġaladarba ż-żieda hija effett tar-reċidiva, biex dak l-effett ikun jista' jiġi fis-seħħ, jeħtieġ li qabel xejn il-kawża tiegħu –

jiġifieri r-reċidiva - tkun pruvata.  L-effett tar-reċidiva jista' jġib miegħu konsegwenzi serji fuq l-imputat in kwantu Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tkun tista' żżidlu l-piena ordinarjament imposta mill-Liġi għal dik li tkun stabbilita bl-artikoli tal-Liġi regolanti l-effetti tar-reċidiva b'mod ġenerali jew speċjali.

45. Għalhekk l-addebitu tar-reċidiva ma jistax jitqies mill-Qrati ta' Ġustizzja Kriminali b'mod leġġer u dan peress li jekk pruvata, r-reċidiva tista' tħalli impatt serju fuq il-kwalita u l-kwantita tal-piena imponibbli fuq l-imputat.

46. Qorti ta' Ġustizzja Kriminali ma tistax tassumi li persuna huwa reċidiv jew tqis imputat bħala reċidiv sempliċiment mad-daqqa t'għajn lejn il-fedina penali tiegħu – għalkemm din hija indikattiva tal-karattru tal-imputat u l-ġurisprudenza teżiġi li tittieħed in konsiderazzjoni f'kull każ meta tali Qorti tiġi biex teroga l-piena.

47. Iżda sabiex imputat jiġi ritenut legalment reċidiv – bil-konsegwenti potenzjal ta' żieda fil-piena ordinarja stabbilita għar-reat partikolari - il-Qrati ta' Ġustizzja Kriminali jridu jassiguraw li ċerti rekwiżiti stabbiliti mill-liġi u mill-ġurisprudenza jiġu soddisfatti.

48. Fosthom hemm :

i. Ir-reċidiva trid tiġi imputata u pruvata mill-istess Prosekuzzjoni bi provi lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni;

ii. Ir-reċidiva mhix reat *per se* iżda hija addebitu fuq il-persuna tal-imputat in kwantu ċirkostanza aggravanti inerenti għall-persuna tal-imputat.[3]

iii. Ir-reċidiva tiġi pruvata billi tiġi preżentata kopja awtentika tas-sentenza li minnha tkun temana l-kundanna preċedenti in kwantu riferenza għall-fedina penali waħedha mhix sufficjenti.

iv. Trid tiġi pruvata l-identiċita tal-persuna imputata mal-persuna li tkun ġiet imsemmija fis-sentenza awtentika preżentata bi prova in reċidiva, billi jixhed dak li kien l-uffiċjal prosekutur fil-kawża deċiża u jikkonferma l-identita tal-imputat, jew billi jkun hemm prova biċ-ċertifikat tat-twelid jew tal-karta tal-identita jew minn dokument ieħor uffiċjali li minnu tkun tirriżulta l-identita tal-imputat, jew mill-konnotati tal-imputat imsemmija fis-sentenza awtentika preżentata u li tikkonferma l-identiċita tal-konnotati tal-persuna imputata mal-konnotati tal-persuna misjuba ħatja preċedentement mid-dokumenti li jkunu meħuda mill-proċess oriġinali.

v. Għall-fini tal-artikoli 50 u 53 tal-Kodiċi Kriminali huwa meħtieġ ukoll li tinġieb il-prova jekk il-piena tkunx ġiet maħfura jew skontata u f'dan is-sens tista' tinġieb prova dokumentarja jew viva voce tar-Reġistratur.

vi. F'kull każ tkun trid tinġieb il-prova li s-sentenza eżebita fl-atti in reċidiva kienet saret **res iudicata** billi jew li ma sarx appell minn dik is-sentenza jekk dik tkun sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza jew fil-każ fejn ikun sar appell minn sentenza tal-Prim'Istanza tinġieb prova bis-sentenza awtentika tal-Qorti tal-

[3] Skont il-Marinucci u Dolcini fil-***Manuale di Diritto Penale:***

> La recidiva e' una **circostanza del reato**: in particolare si tratta di una *circostanza aggravante soggettiva*, e piu' precisamente una *circostanza aggravante inerente alla persona del colpevole*.

Appell Kriminali jew b'digriet awtentiku ta' deżerzjoni tal-appell, b'dikjarazzjoni ġuramentata tal-Uffiċjal Prosekutur partikolari jew tar-Reġistratur li jikkonfermaw li mill-istħarriġ tagħhom ikun jirriżulta li dik is-sentenza partikolari tkun għaddiet in ġudikat. Altrimenti f'każ fejn ma jkunx hemm prova li s-sentenza kundannatorja preċedenti kienet **res iudicata**, ma jkunx jista' jingħad b'sikurezza li persuna hekk imputata bir-reċidiva tkun fil-fatt reċidiva skont il-Liġi u dan peress li sakemm il-posizzjoni tal-persuna imputata ma tkunx ġiet kristallizzata bil-ġudikat, u tkun tista' għadha tinbidel fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali.

49. Issa f'dan il-każ jirriżulta li l-addebitu tar-reċidiva fil-konfront tal-appellant BORG ġie msejjes quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) – u hekk ġie minnha misjub reċidiv – in bażi għal żewġ sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) datati 10 ta' Jannar 2011 (fol 362) u 4 ta' Lulju 2011(fol 356). Għalkemm ġew eżebiti kopji awtentiċi tas-sentenzi de quo kif ukoll kien hemm il-prova tal-identiċita tal-imputat appellant mal-persuna li d-dettalji tagħha jidhru fuq il-kopji tas-sentenzi eżebiti, fiż-żewġt ċirkostanzi l-Prosekuzzjoni naqset milli tipprova, lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, li dawk is-sentenzi kienu res iudicata kif ukoll li jekk kienu res iudicata meta ġew skontati jew maħfura. B'hekk ma kienx possibbli għall-Qorti tal-Maġistrati li ssib lill-appellant bħala reċidiv ai termini tal-artikolu 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali.

50. Illi imbagħad l-appellanta Antonella VELLA ġiet ukoll addebitata bħala reċidiva in bażi għal sentenza mogħtija kontra

tagħha mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fit-8 ta' Mejju 2013 (fol 359) kif ukoll fit-8 ta' Lulju 2013 (fol 361).

51. Għalkemm ġew eżebiti kopji awtentiċi tas-sentenzi de quo kif ukoll kien hemm il-prova tal-identiċita tal-imputata appellanta VELLA mal-persuna li d-dettalji tagħha jidhru fuq il-kopji tas-sentenzi eżebiti, fiż-żewġt ċirkostanzi l-Prosekuzzjoni naqset milli tipprova, lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, li dawk is-sentenzi kienu res iudicata kif ukoll li jekk kienu res iudicata meta ġew skontati jew maħfura. B'hekk ma kienx possibbli għall-Qorti tal-Maġistrati li ssib lill-appellanta bħala reċidiva ai termini tal-artikolu 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali.

# Decide

Għaldaqstant il-Qorti tilqa' l-appell ta' Stephen BORG u Antonella VELLA **in parte**, u filwaqt li **<u>tikkonferma</u>** s-sentenza appellata f'dik il-parti fejn :

(a) sabithom ħatja tal-imputazzjonijiet numri wieħed (1) sa tmintax (18), u dan billi jiġu kwalifikati bħala reat kontinwat fit-termini tal-artikolu 18 tal-Kodiċi Kriminali skont il-kriterja tal-appell kriminali **Depares** aktar il-fuq imsemmi;

(b) kif ukoll f'dik il-parti fejn astjeniet milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tad-dsatax (19) il-imputazzjoni;

(c) fejn sabet lill-appellanta VELLA ħatja tal-imputazzjoni numru tnejn u għoxrin (22) u erbgħa u għoxrin (24);

(d) fejn iddikjarat li ma kienetx qegħda ssib lill-appellant BORG ħati tas-sitta u għoxrin (26) imputazzjoni u b'hekk minnha ġie liberat;

(e) fejn sabet lill-appellant BORG ħati tal-imputazzjoni numru tmienja u għoxrin (28) u disgħa u għoxrin (29);

(f) kif ukoll fejn ordnat il-konfiska tal-vettura tal-għamla SEAT bin-numru tar-reġistrazzjoni DBP063;

(g) u fejn ordnat lill-appellanti sabiex iħalsu l-ispejjeż peritali indikati fis-sentenza appellata bejniethom;

mill-banda l-oħra **<u>tħassarha</u>** f'dik il-parti fejn :

(h) sabet lill-appellanta Antonella VELLA ħatja tal-imputazzjoni numru għoxrin (20), wieħed u għoxrin (21) u tlieta u għoxrin (23) – u allura fejn sabitha ħatja li wetqet reat matul il-perjodu ta' liberazzjoni kondizzjonata u fejn allura sabitha ħatja tal-ksur tal-artikolu 112(e) tal-Kapitolu 354 tal-Liġijiet ta' Malta u fejn minħabba f'hekk ikkundannata għal multa ta' mitejn euro (€200); fejn l-appellanta VELLA ġiet ritenuta ħatja li kisret id-digriet tal-ħelsien mill-arrest mogħti mill-Maġistrati Dottor Antonio Micallef Trigona fit-28 ta' Mejju 2013 u fejn allura ġie ordnat li l-ammont stabbilit fil-ħelsien mill-arrest taħt garanzija jiġu konfiskati favur il-Gvern ta' Malta kif ukoll ir-revoka tal-ħelsien mill-arrest fir-rigward ta' dak id-digriet u

(i) b'hekk tħassarha fejn ġie ordnat li l-ammont konfiskat għall-appellanta Antonella VELLA għandu jkun ta' għoxrin elf euro (€20,000);

(j) sabet lill-appellant BORG ħati tal-imputazzjoni numru ħamsa u għoxrin (25), u sebgħa u għoxrin (27) u b'hekk tħassarha fejn l-appellant BORG ġie ritenut ħati li kiser id-digriet tal-ħelsien mill-arrest mogħti mill-Maġistrati Dottor Antonio Micallef Trigona fit-28 ta' Mejju 2013 u fejn allura ġie ordnat li l-ammont stabbilit fil-ħelsien mill-arrest taħt garanzija jiġu konfiskati favur il-Gvern ta' Malta kif ukoll ir-revoka tal-ħelsien mill-arrest fir-rigward ta' dak id-digriet;

(k) u b'hekk tħassarha fejn ġie ordnat li l-ammont konfiskat għandu jkun ta' tmienja u għoxrin elf euro (€28,000);

(l) tħassarha fejn sabet lill-appellanti BORG u VELLA bħala reċidivi fit-termini tal-artikoli 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali;

(m) tħassarha f'dik il-parti fejn ordnat li s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tal-4 ta' Marzu 2015 tiġi fis-seħħ fil-konfront ta' l-appellant Stephen BORG u

(n) tħassarha wkoll fejn allura ikkundannat lill-appellant BORG għall-piena komplessiva ta' ħdax il-sena u nofs priġunerija;

(o) tħassarha fejn ordnat li s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tat-8 ta' Lulju 2013 tiġi fis-seħħ fil-konfront tal-appellanta VELLA; u

(p) tħassarha wkoll fejn allura ikkundannat lill-appellanta VELLA għall-piena komplessiva ta' għaxar snin priġunerija;

u **minflok** għar-raġunijiet premessi :

(q) tikkundanna lill-appellant Stephen BORG għall-piena ta' **sitt (6) snin priġunerija**; u

(r) tikkundanna lill-appellanta Antonella VELLA għall-piena ta' **sitt snin (6) priġunerija**;

(s) tordna li l-ammont stabbilit fil-ħelsien mill-arrest taħt garanzija li għandu jiġi ritenut konfiskat fir-rigward tal-appellant BORG għandu jitqies li huwa l-ammont ta' **tmintax il-elf euro (€18,000)**;

(t) tordna li l-ammont stabbilit fil-ħelsien mill-arrest taħt garanzija li għandu jiġi ritenut konfiskat fir-rigward tal-appellanta VELLA għandu jitqies li huwa l-ammont ta' **għaxart elef euro (€10,000);**

(u) u safejn mhux mibdula kif imsemmi aktar il-fuq, tikkonferma s-sentenza appellata fil-kumplament.

**Aaron M. Bugeja**
**Imħallef**